32006D0410

L 163/10 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 15.6.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-24 ta' Mejju 2006

## li tistabbilixxi l-ammonti li, skont l-Artikoli 10(2), 143d u 143e tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, isiru disponibbli għall-FAEŻR u l-ammonti disponibbli għan-nefqa tal-FAEG

(2006/410/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' sostenn taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa ([2]) jistabbilixxi l-metodu għall-ikkalkular tal-ammonti netti għall-modulazzjoni li għandha ssir disponibbli għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). L-Artikoli 143d u 143e ta' dak ir-Regolament jiffissaw l-ammonti li għandhom isiru disponibbli għall-FAEŻR għar-ristrutturar fir-reġjuni tal-qoton u t-tabakk.

(2) L-ammont massimu annwali disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) qabel it-trasferimenti għall-FAEŻR sal-2013 huma stabbiliti fl-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-qafas finanzjarju 2007-2013 ([3]).

(3) L-ammonti li għandhom ikunu disponibbli għall-FAEŻR u l-bilanċ nett li għanduu jkun disponibbli għan-nefqa tal-FAEG għandhom jiġu ffissati fuq il-bażi ta' dawk l-ammonti massimi annwali għas-snin tal-baġit 2007-2013

IDDEĊIEDET KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

L-ammonti disponibbli għas-snin tal-baġit 2007 sal-2013 għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — (FAEŻR) skont l-Artikoli 10(2), 143d u 143e tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 kif ukoll il-bilanċ nett disponibbli tan-nefqa għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) ġew stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

([2]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni 319/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 32).

([3]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċċjali.

*L-ANNESS*

*Mil €*

| Sena tal-baġit | Ammonti disponibbli Għall-FAEŻR | | | Bilanċ nett disponibbli Għan-nefqa tal-FAEG |
|---|---|---|---|---|
| | Art. 10(2) ta' R.1782/2003 | Art. 143d ta' R.1782/2003 | Art. 143e ta' R.1782/2003 | |
| 2007 | 984 | 22 | | 44753 |
| 2008 | 1 241 | 22 | | 44 954 |
| 2009 | 1 252 | 22 | | 45 405 |
| 2010 | 1 257 | 22 | | 45 867 |
| 2011 | 1 231 | 22 | 484 | 45 880 |
| 2012 | 1 231 | 22 | 484 | 46 356 |
| 2013 | 1 228 | 22 | 484 | 46 840 |